XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 405*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 33*
*Il-Ġimgħa 12 ta'Marzu, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.45pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku* |
| | *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku* |
| | *Mr. Teddy Mizzi* |
| | *Mr Hubert Saliba* |
| *Skużata:* | *Dr. Marthese Portelli* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 404 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-24**

*(F'dan il-ħin, is-7.15pm daħal il-Viċi Sindku)*

**2. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Kunsill irċieva informazzjoni dwar programm tal-EU – European Regional Development Fund (ERDF). L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru biss mill-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju attenda għal seminar organizzat mill-Meusac biex jagħtu tagħrif dwar din is-sejħa. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-proġett tal-pjazza tar-raħal tagħna u qabel unanimament li għandna napplikaw. Dan il-proġett għandu jinkludi pavimentar ġdid, fanali u għamara tat-toroq oħra ġdida u diversi affarijiet oħra. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta li jsir ir-restawr tal-Mitħna, jinfetaħ xelter li jeżisti fi Pjazza San Ġwann Battista u anke li jsir spazju ta' parkeġġ taħt l-art. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nikkuntattjaw lill-Perit Lino Bianco biex jassistina f'din l-applikazzjoni filwaqt li l-Meusac se jgħatu l-għajnuna tagħhom ukoll. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandha tkun il-Project Leader.

ii. Transport Malta infurmaw lill-Kunsill li l-mera tat-traffiku biex teħel fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq San Ġwann Battista ġiet approvata. Il-Kunsill qabel li għandna nwaħħlu din il-mera.

iii. Il-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq informa lill-Kunsill li fil-laqgħa li jmiss tagħhom se jiddiskutu dwar isem ġdid għal triq fl-inħawi tal-Ħorob u dwar il-problema li kienet ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill dwar l-isem ġdid li ngħata lil triq ġdida fi Triq Majmuna. Huma għandhom jinfurmawna aktar 'l quddiem bid-deċiżjoni li se tittieħed u anke mistenni li jsejħulna biex niddiskutu magħhom dwar l-istess materja.

iv. Il-Kunsill irċieva kopja tal-korrispondenza li bagħat l-Perit Lino Bianco lil Mepa dwar l-appelli li għandna pendenti dwar il-Waste Transfer Station u s-Civic Amenity Site. L-appelli kellhom jinstemgħu illum iżda fuq talba tal-Kunsill dawn ġew differiti u issa ser jinstemgħu fid-29 ta' Ottubru 2010. Dawn ġew differiti sabiex sadanittant il-Kunsill jiddiskuti l-possibilta li jwaqqaf il-proċess tal-istess appelli. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-possibilta u qabel li fil-laqgħat li jmiss għandha tittieħed deċiżjoni dwar dan. Il-Kunsill iddiskuta dwar kif jista' jibbenefika minn dan il-proġett issa li diġa qed jiffunzjona s-Civic Amenity Site u fil-futur meta jkun hemm il-Waste Transfer Station. Il-Kunsill huwa konxju li dan se jġib miegħu diversi żvantaġġi għar-raħal tagħna u għalhekk irid jara kif jimminimizza dawn l-iżvantaġġi u anke jesplora l-possiblita li jibbenefika minn xi vantaġġi li jista' jkun hemm. Proposti li saru kienu li l-Kunsill Lokali tax-Xewkija għandu jibqa' jagħmel użu minn dawn il-faċilitajiet mingħajr ħlas anke jekk 'l quddiem isiru bil-ħlas minn naħa tal-Wasteserv Ltd. Per eżempju l-ġbir ta' skart goff li jiġbor il-Kunsill minn għand ir-residenti tiegħu għandu jiġi aċċettat mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu li ssir laqgħa mal-Wasteserv Ltd biex magħhom niddiskutu dwar dan.

v. Guido Zammit, Executive Employment Advisor mal-ETC, informa lill-Kunsill li mill-15 ta' Marzu se jiżdiedu żewġ ħaddiema oħra mal-iskema ta' Xogħol fil-Komunita tal-ETC. Għalhekk b'kollox il-Kunsill ser ikollu erba' ħaddiema. Il-Kunsill qabel li dawn il-ħaddiema għandhom jagħmlu xogħol ta' patching u anke tindif fiz-zona mhux urbana.

vi. L-AKL infurmat lis-Sindki u Viċi Sindki li l-laqgħa għas-Sindki li jmiss ser issir bejn l-14 u 15 ta' Mejju fil-Calypso Hotel, Għawdex.

vii. Greenpak u Greenmt bagħtu diversi emails u ittri dwar l-iskemi tagħhom għal ġbir ta' skart separat. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'laqgħa li kellhom is-Sindki ta' Għawdex dwar dan is-suġġett fejn anke kienet qed tiġi kkonsidrata l-possibilta li l-Kunsilli Għawdxin jingħaqdu bħala reġjun u jagħżlu l-istess skema. Is-Sindku qalet li preżenti għal-laqgħa tal-Kumitat Regjonali ma kienx hemm rappreżentant mill-Kunsilli Lokali kollha u għalhekk kien għad m'hemmx qbil dwar dan u għalhekk kull Kunsill huwa liberu li jagħżel l-iskema li jrid hu. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar dawn l-iskemi u qabel unanimament li għandna nagħżlu l-iskema offruta mill-Greenpak. Il-Greenpak se jagħtu għajnuna lill-Kunsill, li hija fattibbli. Għalhekk Greenpak se jiġu nfurmati dwar dan biex jibda l-proċess biex jiġi ffirmat il-ftehim.

viii. Carmel Portelli minn tas-Sliema, informa lill-Kunsilli dwar ktieb li huwa ppubblika bl-isem 'Tifkiriet – 1943/2009' li jikludi ukoll ġrajjiet dwar Għawdex. Il-prezz ta' dan il-ktieb huwa ta' €10. Il-Kunsill qabel li nordnaw għaxar kotba.

ix. L-Onor. Dr Chris Said nforma lill-Kunsilli Lokali dwar konferenza annwali kontra l-abbuż tad-droga li din is-sena ser issir f'Għawdex. Din se tkun organizzata flimkien mal-European Cities Against Drugs (ECAD). L-Onor. Dr Chris Said ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jidħlu membri tal-ECAD u anke biex jattendu għal din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nidħlu membri tal-ECAD.

## 3. Materja oħra

i. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ma kienx għad baqa' 'badges' tal-Kunsill. Huwa qal li ġabar kwotazzjoni li hija ta' €2 'l waħda jekk nordnaw 100, €1.80 'l waħda jekk nordnaw 200 u €1.60 'l waħda jekk nordnaw aktar minn 300. Joseph Baron (li jagħmel dawn il-'badges') informa lis-Segretarju wkoll li jagħmlu 'tie pins' għal prezz ta' €3 'l waħda għal ordni ta' 100. Dawn il-prezzijiet irid jiżdied magħhom il-VAT. Il-Kunsill qabel li nordnaw 300 'badge' u 100 'tie pin'.

ii. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill dwar training course li applikaw għalih huwa u membru tas-Sotto Kumitat. It-training course ser ikun dwar programmi tal-EU. Biex jattendu għal dan it-taħriġ irid isir ħlas ta' €25 kull parteċipant. Il-Kunsill qabel li nħallsu din il-miżata.

iii. Is-Sindku ssuġġeriet li fil-Ġimgħa l-Kbira norganizzaw ħarġa għall-anzjani fejn iżuru s-sepolkri f'diversi rħula. Din l-attivita issir ta' kull sena. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw din l-attivita u għalhekk ser isiru l-avviżi u xogħlijiet meħtieġa. Is-Sindku se tikkordina biex din il-ħarġa tkun tista' ssir.

iv. Il-Kunsillier Teddy Mizzi informa lill-Kunsill li f'Mejju waqt in-Notte Gozitana se jagħmlu stands għall-Kunsilli Lokali. Huwa qal li l-Kunsilli se jiġu mħeġġa sabiex f'dawn l-istands jagħmlu xi ħaġa li tirrappreżenta lil dik il-lokalita partikolari bħal per eżempju artisti, tradizzjonijiet, artiġjanat eċċ. Il-Kunsillier Mizzi qal li għandha tissejjaħ laqgħa għas-Sindki fejn se jingħataw aktar informazzjoni.

v. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li George Xerri ta' May Flower, Triq San Bert, kien ġie l-Kunsill jilmenta dwar sewqan eċċessiv fl-istess triq. Huwa talab lill-Kunsill biex jagħmel xi ħaġa dwar dan. Huwa ssuġġerixxa road humps jew speed camera. Il-Kunsill huwa konxju minn din il-problema ta' sewqan eċċessiv. Fil-fatt dan l-aħħar anke żied fil-marki tat-traffiku "Slow" biex tinġibed l-attenzjoni ta' min ikun qed isuq. Il-Kunsill kien talab l-approvazzjoni għal road humps fl-istess triq iżda kienu inqalgħu problemi fejn se jiġu nstallati peress li ħadd ma jridhom ma' ġenb tiegħu peress li meta jgħaddu vetturi minn fuqhom speċjalment kbar, ikun hemm ħafna storbju u dan ikun ta' inkonvenjent. Barra minn hekk f'din it-triq hemm il-problema tal-ilma tax-xita u għalhekk jekk isiru r-road humps din il-problema se tkompli tikber. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-Kumitat Konġunt Għall-Infurzar tal-Liġi biex jikkonsidra li jinstalla Speed Camera f'din it-triq u b'hekk din il-problema tiġi solvuta.

vi. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar f'hiex wasal il-proċess tal-każ ta' Charlie Cordina. Peress li issa dħalna ma' oħrajn fis-subasta, l-ammont mitlub minn dawk li qed ifittxu lil Charlie Cordina huwa akbar mill-ammont li hemm għad-dispożizzjoni tagħhom. Għalhekk il-Kunsill ma jistax jirċievi l-ammont sħiħ iżda perċwental minnha. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet ġiet avviċinata minn persuna f'isem Charlie Cordina sabiex naslu fi ftehim. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-possibilta iżda ma' qabilx dwar dan. Il-Kunsill qabel li għandna nkomplu bil-proċeduri legali sakemm nieħdu s-somma sħiħa dovuta lill-Kunsill.

Il-Laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' April, 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |